# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Lulju, 2020**

**Numru 7**

**Rikors Numru 575/19 TA**

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha Maurice Mary Farrugia, bil-polza u bil-Liġi, u l-istess Maurice Mary Farrugia**

**vs**

**Argus Insurance Agencies Ltd, gia` Fogg Insurance Agency Ltd**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat tas-Soċjeta` Attriċi Citadel Insurance plc tal-11 ta' Ġunju 2019 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

"1. Illi fit-23 ta' Awissu 2015 fi Triq Dun Karm, Birkirkara, il-vettura proprjeta` ta' l-attur Maurice Mary Farrugia, bin-numru ta' reġistrazzjoni GF12OYL u assigurata mas-soċjeta` tramite l-aġent tagħha MIB Insurance Agency Ltd, kienet involuta f'inċident awtomobilistiku ma' vettura misjuqa minn ċertu Clifton Gilford, assigurata mas-soċjeta` konvenuta u bin-numru ta' reġistrazzjoni GBS-762;

2. Illi tali inċident seħħ unikament minħabba traskuraġni, imperizja u/jew non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-assigurat tas-soċjeta` konvenuta Clifton Gilford;

3. Illi b’konsegwenza ta’ l-istess inċident, is-soċjeta` attriċi ħallset is-somma ta’ Euro 24,578.31 rappreżentanti danni inkorsi għat-tiswija fil-vettura assikurata magħha, mentri l-attur Maurice Mary Farrugia ħallas l-ammont ta’ Euro 55 in linea ta’ excess;

4. Illi għalhekk, id-danni sofferti mill-atturi jammonta komplessivament għal total ta’ Euro 24,633.31;

5. Illi l-atturi għandhom dritt jitolbu għall-kumpens għad-danni minnhom sofferti bħala konsegwenza diretta ta’ l-inċident de quo li għalih jaħti esklussivament il-konvenut Clifton Gilford, u dan mingħand il-konvenuti;

6. Illi debitament interpellata sabiex taddivjeni għall-ħlas tad-danni, is-soċjeta` konvenuta baqgħet inadempjenti;

7. Illi l-esponenti għandhom id-dritt ukoll ta’ l-azzjoni diretta fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta, qua assiguratur ta’ l-istess vettura misjuqa minn Clifton Gilford, u dan a tenur ta’ l-Artikolu 9 tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta’ Malta;

8. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Tgħid is-soċjeta` konvenuta għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m’għandhiex, prevja kull dikjarazzjoni oħra neċessarja:

1) Tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta’ Awissu 2015 ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara bejn il-vettura GF12OYL u GBS-762 seħħ unikament b’tort imputabbli lil Clifton Gilford, assigurat mas-soċjeta` konvenuta;

2) Tiddikjara li konsegwentement, is-soċjeta` konvenuta hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li seħħew b’tort ta’ l-assigurat tagħha Clifton Gilford;

3) Tillikwida, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi, id-danni sofferti mill-atturi, fl-ammont ta’ Euro 24,633.31 jew somma oħra verjuri;

4) Tikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lill-atturi l-ammont likwidat in linea ta’ danni.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2248/17 tal-21 ta’ Ġunju 2017, u bl-imgħaxijiet legali, kontra s-soċjeta` konvenuta, li hija minn issa inġunta in subizzjoni.”

Rat li l-atti kollha ġew debitament notifikati skont il-liġi lis-Soċjeta’ Konvenuta Argus Insurance Agencies Ltd fid-19 ta’ Ġunju 2019 u b’dana

kollu baqgħet ma presentat ebda risposta ġuramentata kif trid il-liġi. Dan ifisser li waqgħet fi stat ta' kontumaċja, kif anke jirriżulta mill-verbal tat-28 ta' Ottubru 2019 (a' fol 45);

Rat l-atti kollha tal-Kawża fost oħrajn id-dokumenti kollha u xhieda imressqa mis-Soċjeta' Attriċi;

Rat li ciononostante li din il-Qorti fis-seduta tas-17 ta' Frar 2020 ikkonċediet lis-Soċjeta` Konvenuta tippresenta nota' ta' sottomissjonijiet ai termini tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta, din in-nota baqgħet ma ġietx presentata;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Fis-sewwa dwar il-pretensjonijiet tas-Soċjeta` Attriċi ma tantx hemm xejn xi tgħid fid-dawl tad-dokument presentat mix-xhud Dr. Jonathan Gatt fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2019 (a' fol 52). F'dan id-dokument is-Soċjeta` Konvenuta kjarament ammettiet ir-responsabbilita' għall-inċident u anke ddikjarat li ser tħallas is-sorte li qiegħed jiġi mitlub f'din il-kawża u ċioe` dak ta' Euro24,663.31 in linea ta' danni.

Di fatti f'din l-email is-Soċjeta` konvenuta inekwivokament iddikjarat hekk:

"*We confirm that we are accepting liability and we shall pat the sorte as claimed in the writ of summons. We shall also pay for legal costs as per taxxa come ceduta.*"

Minn dan il-bran tirrisulta mhux biss l-ammissjoni ta' responsabbilta' tal-assigurat taghhom Clifton Gilford u kif ukoll il-kwantum tad-danni li qed jintalbu, iżda li f'xi żmien kien hemm possibilment diskussjonijiet għaddejjin biex il-mertu jiġi tranżatt. Dan anke kif jirrisulta mir-rikors tas-Soċjeta' Attriċi tat-2 ta' Lulju 2019 u mill-verbal tad-9 ta' Lulju 2019 (a' fol 42 u 44).

Il-Qorti pero' ma tistax ma tinnotax li fl-email fuq imsemmija s-Soċjeta' konvenuta tgħid li kienet talbet kemm-il darba li tingħata rendikont ta' kemm ġew jiswew it-tiswijiet tal-ħsarat iżda dawn qatt ma intbagħtulha. Fix-xhieda tiegħu Dr. Jonathan Gatt jixhed li kienu ntbagħtu diversi korrispondenzi u ittri legali lis-Soċjeta` konvenuta li qatt ma wieġbet. B'dana kollu, dawn l-ittri qatt ma ġew esebiti. Għalhekk din il-Qorti ser tieħu dan il-fattur inkonsiderazzjoni ai fini ta' kap ta' spejjes biss.

Wara li qieset kollox, saħansitra anke tal-fatti ta' kif seħħ l-inċident u kif ukoll fid-dawl ta' dak li ntqal aktar 'l fuq, il-Qorti hija konvinta li s-Soċjeta' Attriċi rnexxielha tipprova l-pretensjonijiet tagħha kif dedotti. Dan ifisser li t-talbiet attriċi ser ikunu milqugħa.

Kwantu għall-ispejjes tal-Kawża, fid-dawl ta' dak konstatat aktar 'il fuq f'din is-Sentenza din il-Qorti tħoss li jkun ekwu li dawn jinqasmu kwantu għal tlett kwarti ($^3/_4$) a' karigu tas-Soċjeta' konvenuta u r-rimanenti kwart ($^1/_4$) a' karigu tas-Soċjeta' Attriċi.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba** attriċi u tiddikjara illi l-inċident awtomobilistiku li seħħ fit-23 ta' Awwissu 2015 ġewwa Triq Dun Karm, Birkirkara bejn il-vettura GF12OYL u GBS-762 seħħ unikament b'tort imputabbli lil Clifton Gilford, assigurat mas-Soċjeta` konvenuta;

**Tilqa' it-tieni talba** attriċi u tiddikjara li s-Soċjeta` konvenuta hija responsabbli sabiex tagħmel tajjeb għall-ħsarat li seħħew b'tort ta' l-assigurat tagħha Clifton Gilford;

**Tilqa' it-tielet talba** attriċi u tillikwida d-danni mitluba fis-somma ta' erbgħa u għoxrin elf sitt mija tlieta u tletin Euro wieħed u tletin ċenteżmu (€24,633.31);

**Tilqa' ir-raba' talba** attriċi u tikkundanna lis-Soċjeta` konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża kif ingħad aktar 'l fuq fis-Sentenza.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**